# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2445

## tat-12 ta’ Diċembru 2022

## li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b’mod partikolari l-Artikoli 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-16 ta’ Lulju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/389/PESK [1] dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR).

(2) Fit-12 ta’ Diċembru 2016, permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/2240 [2], il-Kunsill emenda l-mandat tal-Missjoni biex tiġi ffukata fuq il-bini tal-kapaċità fis-Somalja u biddel isimha għal EUCAP Somalia.

(3) Fl-10 ta’ Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/2031 [3] li emendat id-Deċiżjoni 2012/389/PESK biex testendi l-EUCAP Somalia sal-31 ta’ Diċembru 2022.

(4) Fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku Olistiku u Koordinat tal-involviment tal-PSDK fis-Somalja u fil-Qarn tal-Afrika, il-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà qabel li l-mandat tal-EUCAP Somalia jenħtieġ li jiġi estiż sal-31 ta’ Diċembru 2024.

(5) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/389/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2012/389/PESK hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 13(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-ammont ta’ referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP Somalia għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2023 sal-31 ta’ Diċembru 2024 għandu jkun ta’ EUR 83 076 673,07.”;

(2) Fl-Artikolu 15, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. Ir-RGħ għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lill-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-Unjoni, u b’mod partikolari lill-Frontex u lill-EUROPOL, informazzjoni klassifikata tal-UE ġġenerata għall-finijiet tal-EUCAP Somalia sal-livell rilevanti ta’ klassifikazzjoni għal kull waħda minnhom, f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE (*). Għandhom jitfasslu arranġamenti tekniċi għal dak il-għan.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta’ Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (ĠU L 187 17.7.2012, p. 40).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2240 tat-12 ta’ Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠU L 337, 13.12.2016, p. 18).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/2031 tal-10 ta’ Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (ĠU L 419, 11.12.2020, p. 26).

6. Ir-RGħ jista' jiddelega s-setgħat imsemmija fil-paragrafi 1 sa 5, kif ukoll il-kapaċità li jikkonkludi l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 2 sa 5, lil persuni li jkunu jinsabu taħt l-awtorità tiegħu/tagħha, lill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili u/jew lill-Kap tal-Missjoni.

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).";

(3) Fl-Artikolu 16, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2024.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES